**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI ĠENERALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 27 ta' Ottubru, 2023**

**Rikors Ġuramentat numru: 90/2021 BS**

**Emanuel Mizzi**

**-vs-**

**Nicholas Galea**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Emanuel Mizzi[1] illi ppremetta:**

1. Illi l-attur huwa sid ta' diversi qtajja ta' raba' fl-inhawi hekk imsejjah "Tal-Gallina", fuq l-għolja tal-Fanal Ta' Gordan limiti Ghasri;

2. Illi l-konvenut nhar l-14 t' Awwissu 2021 dahal f'parti mir-raba' tal-attur bil-makkinarju u ghodda kbira tal-kostruzzjoni bil-ghan illi jiftah jew iwessa' passaggi kif ukoll billi waqqa hitan tas-sejjieh tal-attur u garr gebel tas-sejjieh minn fuq l-art tal-attur; u nehha u witta

[1] Rik. Gur. a fol 1 sa 3.

hamrija agrikola mill-istess art tal-attur, dan kollu minghajr kunsens tal-attur u ovjament minghajr permessi tal-awtoritajiet kkoncernati.

3. Illi dan ix-xoghol sar b' mod klandestin u minn wara dahar l-attur fi hwejgu u ghalhekk jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin.

4. Illi l-attur kien mar fuq il-post dakinhar tal-14 t' Awwissu u sab lil konvenut u makkinarju u haddiema ta' *Said Construction Limited* jaghmlu l-ahhar ftit xogholijiet fil-post u imbaghad telqu.

5. Illi l-konvenut jammetti fil-mori tal-Mandat t' Inibizzjoni 30/2021 fl-istess ismijiet illi kien hu li qabbad lil *Said Construction Limited* sabiex jigu jezegwixxu x-xogholijiet taht struzzjonijiet tieghu.

6. Illi l-gebel tas-sejjieh u l-hamrija li tnehhiet minn fuq l-art tal-atturi ittiehdet band ohra mill-konvenut ghall-iskopijiet tieghu.

7. Illi dan kollu kollu jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-attur.

8. Illi għalhekk qed issir din il-kawza entro it-terminu tal-Ligi.

9. Illi l-attur Emanuel Mizzi jiddikjara li jaf bil-fatti fuq premessi personalment.

**Talab ghalhekk lill din il-Qorti:**

i. Tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-attur meta waqqa l-hitan tas-sejjieh u garr il-gebel tas-sejjieh minn fuq l-art tal-attur stess u nehha ammont ta' hamrija minn fuq l-art tal-istess;

ii. Tikkundanna u tordna lill-konvenut sabiex jirreintegraw lill-atturi fil-pussess taghhom tal-gebel tas-sejjieh u tal-hamrija li ttiehdet minn fuq l-art tal-atturi jergghu jinbnew il-hitan li twaqqghu kif kienu jinsabu fih qabel il-kommissjoni tal-ispoll, u dan f' terminu qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss, okkorrendo taht is-sorveljanza ta' periti nominandi;

iii. Tawtorizza lill-attur sabiex, f'kaz li l-konvenuti jonqsu milli jirreintegraw lill-atturi fil-pussess taghhom tal-affarijiet imsemmija fil-paragrafu precedenti fl-istat li kienu jinsabu fih qabel il-kommissjoni tal-ispoll fit-terminu moghti lilhom ghal dan il-ghan, iwettqu huma stess, taht is-sorveljanza okkorrendo ta' periti nominandi u bl-ispejjez a karigu tal-konvenuti, ix-xogħlijiet kollha necessarji ghar-rispristinazzjoni u r- reintegrazzjoni ordnata;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Nicholas Galea[2] illi eċċepixxa:**

1. Illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Dan peress li mhux minnu li l-eccipjenti wettaq spoll jew ghamel minn dawk l-atti li qed jaddebitah bihom l-attur. Ghall-kuntrarju huwa l-attur li kkommetta spoll fil-konfront tal-esponenti meta ghalaq moghdija karrozzabbli bil-gebel u b'materjal iehor, u dwar dan hemm kawza ohra tà spoll fl-ismijiet inversi li saret mill-esponenti fil-konfront tal-attur odjern li ggib in-numru tà riferenza 78/2021/BS. Wisq probabbli li din il-kawza giet istitwita mill-attur wara li gie notifikat bil-kawza tà spoll li saret mill-esponenti fil-konfront tieghu biex jipprova jinnewtralizza billi jilqà ghall-ghamil spoljattiv imwettaq minnu stess.

2. Illi nterament minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, ma jissussistux l-elementi kostitutivi tal-ispoll.

3. Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

**Fliet l-atti**.

**Rat** li fl-udjenza tas-16 ta' Marzu, 2022 il-Qorti laqghet talba tal-partijiet sabiex il-provi migbura fil-kawza bejn l-istess partijiet fl-ismijiet inversi – kawza numru 78/2021 BS – jiddahhlu fil-kawza odjerna.[3]

[2] Risposta guramentata a fol 16 u 17.
[3] Verbal a fol 21.

**Rat** ir-rapport tal-perit *ex parte* tal-konvenut, il-Perit Shawn Micallef, inkluzi r-ritratti annessi ma' l-istess rapport.[4] Ir-ritratti jinkludi dawk mehuda mill-ajru u maghmulin disponibbli mill-Awtorita' ta' l-ippjanar[5] u dawk mehuda wara li nqalghet il-kwistjoni in mertu bejn il-partijiet.[6] Ir-ritratti lkoll juru l-istat tal-passagg fis-snin 2012, 2016, u 2018. L-ahhar ritratt juri fejn gie mblukkat b'hajt il-passagg b'dan wassal ghal-vertenzi bejn il-partijiet.[7] Ir-rapport jikkonkludi li l-bini tal-hajt fil-passagg sar recentement bl-istes hajt qieghed jimblokka l-passagg li qabel kien wiesgha bizzejjed sabiex minnu jghaddu vetturi b'mutur.

**Rat** ir-rapport tal-perit *ex parte* ta' l-attur, il-Perit Cornelia Tabone, inkluzi r-ritratti annessi ma l-istess rapport.[8] Skond ir-rapport, sensiela mir-ritratti[9] juru li r-raba' tal-attur giet mittifsa b'ingenji tal-kostruzzjoni sabiex tigi krejata rampa. Ir-rapport jghid li dan jidher car mill-ispostament ta' pal tal-bajtar, gheruq tas-sigar tat-tin mikxuf, u dizlivell fil-wicc tal-hamrija. Ir-rapport jindika wkoll li hajt ta-sejjieh li kien kongruwu u jkompli u kien jiddividi raba' minn iehor tnehhew xi elementi minnu. Ir-rapport jghid ukoll li r-raba' ta' l-attur ma' kienx suggett ghal-mghodija minn fuqu tul l-ahhar snin u jzid li r-raba' minnu l-gewwa huwa accessibbli minn bnadi ohra tant la baqa' accessibbli s'issa.

**Rat** ir-rapport addizzjonali tal-perit *ex parte* ta' l-attur, il-Perit Cornelia Tabone, inkluzi r-ritratti annessi mieghu.[10]

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza**, inkluz id-dokumenti ezebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits, inkluz fl-atti tal-process numru 78/2021 BS.

**Rat** in-nota ezebita mill-konvenut odjern *qua* attur fil-kawza numru 78/2021 BS nhar l-1 ta' Dicembru, 2022 u r-ritratti annessi maghha li bihom il-konvenut gibed l-attenzjoni tal-Qorti li fil-mori tal-proceduri l-

[4] Rapport a fol 32 u 33 b'ritratti a fol 34 sa 39.
[5] Ritratti a fol 34, 35, u 35a.
[6] Ritratti a fol 36, 37, u 38.
[7] Ritratt a fol 39.
[8] Rapport a fol 60 u 61 b'ritratti a fol 62 sa 70.
[9] Ritratti a fol 62 sa 66.
[10] Rapport a fol 118 b'ritratti a fol 119 sa 123.

attur odjern kompla zid mal-hajt li bena f'nofs il-passagg billi tefa' fuqu aktar materjal u gebel.[11]

**Rat** li fl-udjenza tat-8 ta' Marzu, 2023 il-kawza giet differita ghas-sentenza bil-fakolta' li jsiru noti tal-osservazzjonijiet finali.[12]

**Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.**

**B. Provi:**

**Semghat ix-xhieda bil-gurament u rat dik maghmulha bil-procedura tal-affidavit, ta':**

**William Zammit**, xehed permezz ta' affidavit.[13] Jiddikjara li huwa għandu raba' bi qbiela fuq l-għolja tal-Ġordan, l-Għasri. Jghid li dan ir-raba' jigi l-gewwa mill-passagg li gie mibni hajt f'nofsu.

Jghid li proprjament ghar-raba' tieghu huwa ghandu jgħaddi minn fuq ir-raba' tal-attur. Izid izda li f'dawn l-ahhar snin dan ir-raba' gieli sabu mblukkat bil-gebel u ghalhekk beda jghaddi mill-passagg ta' taht li issa huwa wkoll mblukkat bil-gebel.

Jispjega li mill-passagg ta' taht huwa kien jgħaddi anke bil-makkinarju tal-ħart u tal-ħsad. Jghid li dan il-passagg qatt ma sabu mblukkat ħlief f'Awwissu 2021 meta sab li nbena ħajt fil-wisa' tiegħu kollu ħlief għall-mogħdija bir-riġel. Jghid li ma jafx min bena l-hajt.

Ikompli li f'Awwissu ltaqa' mal-konvenut u dan qallu li l-attur qed jaqlagħlu ħafna problemi. Izid li l-konvenut qallu li l-attur kien bnielu ħajt fil-passaġġ ta' taħt. Jghid li huwa mar jivverifika u sab li kull ma' qallu l-konvenut kien fil-fatt minnu. Jispjega li sab il-passaġġ imblukkat b'ħajt tal-ġebel f'nofsu u anke terrapien mitfugħ. Jghid li tħalliet biss mogħdija bir-riġel.

[11] Nota a sensiela ta' 7 ritratti – mhux paginati – fl-atti tal-kawza numru 78/2021 BS fl-ismijiet inversi maghmulha applikabbli ghal din l-istanza odjerna permezz tad-digriet tas-16 ta' Marzu, 2022 li bih il-Qorti laqghet talba tal-partijiet sabiex il-provi migbura fil-kawza numru 78/2021 BS jiddahhlu fil-kawza odjerna – digriet kontenut fil-verbal a fol 21.
[12] Verbal a fol 180.
[13] Affidavit a fol 23 sa 26.

Jishaq illi huwa minn ckunitu jiftakar il-passaġġ wiesgħa biżżejjed li jgħaddu l-vetturi minnu u qatt ma kien imblukkat.

Jghid li f'Awwissu huwa ma' sabx li l-passagg kien twessa izda sab li kien nbena hajt f'nofsu b'dan li hadd ma' setgha jghaddi minnu bil-vetturi kif kien isir qabel.

Jikkonferma l-istat tal-passaġġ maghluq kif jidher f'żewġ ritratti li jezebixxi.[14] Jghid li dawn ir-ritratti juru kif huwa sab il-passagg f'Awwissu, 2021.

**In kontro-eżami**,[15] xehed li minn meta kien żgħir kien ilu familjari mal-inħawi u li l-passaġġ li jaċċedi għar-raba' tagħhom dejjem kien jgħaddi minn fuq tal-attur ħlief meta jkun maħdum. Izid li meta kienu jgħaddu bl-inġenji l-kbar kienu jgħaddu minn dan il-passaġġ mertu tal-kawza għax kien wiesa' ħafna.

Jghid li sabiex jaccedu mill-passagg ma kien jinqala' l-ebda ġebel.

Jispjega li hemm żewġ passaġġi: wieħed tal-attur u hemm l-ieħor inkwistjoni li nbena l-ħajt ġo fih.

Jishaq illi hajt fil-passagg in kwistjoni ma kienx hemm tant li kienu jgħaddu bit-*tractors* u *bailer*. Jghid li llum is-sitwazzjoni inbidlet billi issa la jistgħu jgħaddu minn fuq u lanqas minn ta' isfel.

**In ri-eżami**,[16] b'referenza għad-dokument a fol. 123 fil-process numru 78/2021 BS jgħid li l-passaġġ ta' isfel huwa identifikat bl-aħmar. Izid li s-soltu huwa kien jgħaddi minn fuq tal-attur. Jghid li l-passaġġ ta' taħt sabu mbarrat bil-gebel f'Awwissu.

**Emanuel Mizzi**, l-attur, xehed permezz ta' affidavit.[17] Jiddikjara li flimkien ma' ibnu, Samuel Mizzi, ra lil *Said Construction Ltd* jaħdmu bl-inġenji f'parti mir-raba' li jinsab fl-inħawi tal-Fanal, l-Għasri, imsejjaħ Ta'

[14] Ritratti a fol 25 u 26.
[15] Traskrizzjoni a fol 128 sa 139.
[16] Traskrizzjoni a fol 139 sa 141.
[17] Affidavit a fol 42 sa 44 b'ritratti a fol 45 sa 58.

Gallina, fl-14 ta' Awwissu 2021. Izid li mal-kuntrattur kien hemm il-konvenut li għandu raba' viċin tieghu – tal-attur.

Jiddikjara li meta niżel sabiex jara x'ġara, induna li kien hemm ammont ta' ħamrija nieqsa flimkien ma' ġebel tas-sejjieħ neqsin mill-proprjetà tiegħu. Jghid li dan kien sehh sabiex tiġi ffurmata rampa minn ġo ħwejġu għal ġo proprjetà ta' terzi li mhux tal-konvenut. Izid li ra li kien tneħħa wkoll ġebel ta' diviżjoni minn raba' ieħor li għandu minn proprjetà tiegħu u nqalgħu wkoll xi siġar fuq struzzjonijiet tal-konvenut.

Jezebixxi varji ritratti sabiex juri dan.[18]

Jghid li għalhekk huwa ppreżenta Mandat ta' Inibizzjoni bejn il-Ħadd u t-Tnejn, 16 ta' Awwissu 2021, kontra l-konvenut biex iwaqqfu milli jompli jagħmel xogħlijiet fi ħwejjgu. Izid li wara dan, huwa ħa xi ġebel tas-sejjieħ sabiex jipprova jirranġa l-ħsarat li saru u aktar tard għamel rapport l-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat.

Jiddikjara li fis-17 ta' Awwissu 2021, gie avviċinat mill-pulizija dwar materjal tas-sejjieħ wara rapport li sar mill-konvenut fejn il-konvenut qal li ma setax jgħaddi bil-vettura tiegħu sabiex joħroġ. Jghid li huwa spjega lill-pulizija li l-materjal huwa ġo ħwejġu u li l-konvenut ma jgħaddix minn hemm għax għandu triqtu mill-inħawi Tat-Tafla, aktar l-isfel.

Jiddikjara li wara dan kollu irrealizza li dan kien kollu qerq tal-konvenut sabiex jinvolvi l-pulizija għax huwa seta' faċilment joħroġ bil-vettura minn fejn daħal biha mit-triq proprja Tat-Tafla li għadu jgħaddi minnha sal-lum. Izid li tant huwa hekk li l-konvenut ghadu jaħdem ir-raba' tiegħu mingħajr xkiel sal-lum. Izid li dan apparti l-aċċess bir-riġel li kellu minn fuq ir-raba' tieghu - tal-attur.

Jghid li fit-18 ta' Awwissu 2021, innota ġebel spustjat li kien tefa' jumejn qabel. Jezebixxi ritratt tal-istess.[19] Izid li ghalhekk reġa' mar l-Għassa tal-Pulizija u nsista mal-pulizija sabiex imorru fuq il-post kif fil-fatt sar dakinhar filgħaxija. Jghid li hemmhekk il-pulizija raw ir-rampa li ġiet iffurmata fl-14 ta' Awwissu, miftuħa parti minnha. Izid li l-pulizija ħadu xi ritratti tal-ġebel spustjat.

[18] Ritratti a fol 45 sa 49.
[19] Ritratt afol 53.

Jghid li bejn it-18 u l-21 ta' Awwissu 2021, il-konvenut kien neħħa l-materjal kollu li huwa kien ġabar sabiex jibni l-ħajt tas-sejjieħ u kien reġa' għadda sabiex idaħħal l-affarijiet tiegħu. Izid li b'hekk il-konvenut għamel tliet darbiet xogħlijiet ġo ħwejjġu mingħajr il-permess tiegħu. Izid li l-konvenut baqa' jagħmel hekk kemm dam jirreżisti li jiġi notifikat bil-Mandat ta' Inibizzjoni.

Itenni li ghalhekk għamel rapport ieħor fl-Għassa tal-Pulizija fil-21 ta' Awwissu 2021 għat-tielet darba dwar ġebel spustjat.

Jiddikjara li, matul ix-xitwa li għaddiet, sar il-ħsad kollu tal-uċuħ tar-raba' kemm tal-konvenut u kemm tal-bdiewa l-oħrajn fil-viċinanzi. Izid li dawn ilkoll għaddew bl-inġenji minn Tat-Tafla. Jezebixxi sensiela ta' ritratti li juru ucuh ta' raba' mahsuda.[20]

Jinsisti li kuntrarjament ghal dak li jghid il-konvenut, hemm aċċess ieħor għar-raba' tal-madwar, bil-konvenut stess għamel użu minn dan l-aċċess l-ieħor sabiex jgħaddi bil-makkinarju u qatt ma reġa' għadda minn fuq ħwejjġu.

Jghid li huwa jippermetti bdiewa jgħaddu bl-inġenji sabiex jaħdmu r-raba' li jmiss ma' tiegħu. Izid izda li wara l-inċidenti ta' mal-konvenut, huwa nforma lil dawn il-bdiewa sabiex jużaw it-triq proprja tagħhom u cioè li tiġi aktar l-isfel minfejn għaddha dejjem il-konvenut.

**In kontro-eżami**,[21] xehed li fl-14 ta' Awwissu 2021 meta wasal fuq il-post, madwar l-10.00 ta' filghodu, ra lill-haddiema jlestu ghax-xogħol. Izid li mbagħad minn hemm daħlu 'l ġewwa jaħdmu b'dan li wara siegħa rahom ħerġin il-barra.

Mistoqsi dwar ritratt ezebit minnu stess,[22] jghid li bhala xogħlijiet ra li kienu qed jagħmlu passaġġi bil-makkinarju. Izid li kien hemm ħajt jisporġi minn xejn għal metru wiesa' li gie xkanat u mwitti bil-makkinarju migjuba mil-konvenut.

[20] Ritratti a fol 55 sa 58.
[21] Traskrizzjoni a fol 92 sa 109.
[22] Ritratt a fol 51.

Dwar il-passaġġ li jidher fl-istess ritratt u ritratt iehor ukoll ezebit minnu,[23] jghid li hemm jidher il-passaġġ miftuħ fil-wisa' tiegħu kollu wara li dan infetaħ bl-inġenji tal-kuntrattur tal-konvenut.

Itenni li tant twessa' il-passaġġ li l-gaffa xkanat l-ġebel in-naħa t'isfel tal-għalqa tiegħu, kissret mid-dura tieghu u qalgħet it-tina mill-għeruq tant li mietet.

Izid li huwa qal lill-pulizija fuq is-serq tal-ġebel. Rigward id-dura mċappsa biż-żebgħa jghid li din mhix fl-affidavit tieghu u allura mhux qed jirreferi għal fejn hemm id-dura.

Jichad illi ha ġebel u poġġieh fil-passaġġ.

**In kontinwazzjoni tal-kontro-eżami**,[24] b'referenza għat-tieni paragrafu tal-affidavit tiegħu u muri ritratt mill-ajru esebit a fol 123 fil-proċess 78/2021, l-attur jghid li huwa għandu r-raba' fejn hu mmarkat minn Y sa Z.

Jinsisti li l-konvenut ifforma speċi ta' rampa oħra minbarra dik li tidher fir-ritratti li ppreżenta huwa mal-affidavit tiegħu. Jghid li l-bdiewa kienu jgħaddu minn hemm bil-permess tieghu tant li hadd, inkluż il-konvenut, ma għadda aktar meta ma tahomx aktar permess.

Jichad illi l-passaġġ ilu jeżisti sa minn qabel l-1957 meta ttieħed ir-ritratt *aerial view*. Jghid li huwa hemm jiftakar passaġġ bir-riġel u mhux għall-vetturi.

Jispjega li r-ritratti a fol. 61 ittieħdu mill-pulizija bil-lejl. Jghid li huwa qed jirreferi għal ġebel akbar. Izid li l-munzelli tal-ġebel li jidhru kienu munzell wieħed.

Itenni li fl-14 ta' Awwissu tela' fuq il-post u ra sfreġju ta' ħamrija mneħħija u tal-ħajt kollu mneħħi u fformata dik ir-rampa li fiha minn XY u ftit aktar ukoll. Jgid li avza lill-konvenut li ser iħarrku u ppreżenta l-Mandat ta' Inibizzjoni.

[23] L-ewwel ritratt a fol 51 u l-iehor a fol 52.
[24] Traskrizzjoni a fol 157 sa 176.

Jichad illi l-munzell kif inhu ghamlu hu.  Jinsisti li r-ritratti a fol 53 u 54 juru preċiż kif kien il-munzell u kif ħarku l-konvenut. Jishaq illi l-munzelli li jidhru fir-ritratt a fol.62 kienu fi tnejn fil-bidu u mbagħad kaxkru kollu. Jghid li huwa munzell wieħed għamel fi ħwejġu sabiex jirriprestina l-ħajt li ħadlu l-konvenut.

Dwar ir-rapport tal-pulizija bid-data tas-16 ta' Awwissu jgħid li ma jafx kemm sab nieqes ħamrija.

Jghid li l-ġebel li pogga huwa hemm kien sabiex ireġġa l-ħajt għal li kien qabel li l-konvenut kien ħadlu bil-gaffa.
**In ri-eżami**,[25] xehed li hemm differenza bejn passaġġ karozzabli u marki tat-tractors.  Jghid li mill-passagg in mertu qatt ma għaddew karozzi iżda ghaddew biss *tractors* bil-permess tieghu.

Izid li meta l-konvenut għamel ir-rampa ġo ħwejjġu, dan xkana kollox.

Jinsisti dwar ġebel kbir li ħadlu l-konvenut. Jghid li dan kien mad-dura tiegħu u isfel fir-raba' tiegħu li l-attur ma raħx jieħdu dak il-ħin iżda raħ fl-aħħar banjijiet sejjer bihom bil-ħamrija.

**Samuel Mizzi**, iben l-attur, xehed permezz ta' affidavit.[26] Jiddikjara li huwa jikkonferma l-kontenut tal-affidavit ta' missieru, l-attur, peress li kien ikun miegħu meta jmorru l-għalqa inkwistjoni.

Jgħid li huwa qatt ma ra lill-konvenut jgħaddi minn ġor-raba' tagħhom.

Jghid li fl-14 ta' Awwissu 2021 huwa mar l-ghalqa taghhom flimkien ma' missieru u, b'sorpriża, sabu lil konvenut flimkien ma' haddiema ta' *Said Construction Ltd* jagħmlu x-xogħlijiet. Izid li ħa xi ritratti ta' dak li kien għaddej.

Jiddikjara li naqas ħafna ġebel tas-sejjieħ u ħamrija mill-għalqa ta' missieru, l-attur, u saru wkoll ħsarlis-siġar u pal tal-bajtar.

[25] Traskrizzjoni a fol 176 sa 178.
[26] Affidavit a fol 59.

**In kontro-ezami**,[27] muri r-ritratti ezebiti mal-affidavit ta' missieru a fol 45 sa 58, jghid li dawk ir-ritratti hadhom hu. Mistoqsi kif m'hemmx ritratti tal-konvenut proprja u tal-haddiema ta' *Said Construction Ltd* jaghmlu x-xogohlijiet jghid li malli rawh telqu jigru f'ghalqa ohra.

Jghid li dak il-hin tant kien sorpriz li ma' hasibx f'hekk u ha biss ir-ritratti tal-ingenji ezebiti.

Jghid li l-konvenut u l-haddiema ngaggjati minnu dahlu bil-gaffa u garrew il-hamrija u l-gebel.

Mistoqsi jezebixxi d-dettalji ta'meta u fi x'hin ittiehed kull ritratt muri lilu jobbliga ruhu li jaghmel hekk.

Muri r-ritratti a fol 53 u 54 tal-process odjern jikkonferma li l-gebel li jidher hemm poggewh hu u missieru.

Izid li r-ritratt a fol 53 juri munzell gebel li pogga missieru. Izid li f'dak ir-ritratt il-munzell kien diga gie mharrek. Jghid li dan kien intefa fis-16 ta' Awwissu, 2021 – jumejn wara l-incident – sabiex jaghmel tajjeb ghal gebel li kien nehha l-konvenut flimkien ma' ta' *Said Construction Ltd*. Jghid li l-ghada, 17 ta' Awwissu, il-konvenut reggha dahal u mess dan il-gebel.

Jghid li r-ritratt a fol 54 ittiehed aktar tard. Izid li hawn il-konvenut kien harrek il-munzell kollu sabiex jghaddi minn hwejjighom.

Jghid li huma assumew li kien il-konvenut li kien qed imiss il-gebel b'dan imbaghad ikkonfemawh mal-pulizija li bghatu ghalihom fuq rapport tieghu li huma ghalquh milli jghaddi.

Jinsisti li huma poggew il-gebel hemm sabiex jirrimedjaw ghal-hsara li saritilhom u jirripristinaw hajt li twaqqalhom, mhux biex jostakolaw xi access. Jghid li huma ma' xehtux gebel f'ebda passagg.

[27] Traskrizzjoni – mhux paginata – fl-atti tal-kawza numru 78/2021 BS fl-ismijiet inversi maghmulha applikabbli ghal din l-istanza odjerna permezz tad-digriet tas-16 ta' Marzu, 2022 li bih il-Qorti laqghet talba tal-partijiet sabiex il-provi migbura fil-kawza numru 78/2021 BS jiddahhlu fil-kawza odjerna – digriet kontenut fil-verbal a fol 21.

Mistoqsi jekk l-ghalqa li tidher fil-genb tar-ritratt a fol 53 hijiex taghhom, jghdi li iva. Izid li l-istess ghalqa tkompli aktar il-gewwa.

Mistqosi ghalfejn il-munzell gebel xehtuh mnejn jghaddi l-konvenut minflok gewwa hwejjighom jghid li hemmhekk hwejjighom ukoll. Izid li dak mhux passagg izda ghalqa. Jghid li hemm, semmai, jekk hemm passagg huwa wiehed bir-rigel biss.

Muri ritratt mill-ajru a fol 123 tal-process numru 78/2021[28] u mistoqsi jekk dak hux passagg bir-rigel biss jew karrozzabbli jghid li r-ritratt m'huwiex tant car izda kif xehed Mercieca hemmhekk hemm sinjali ta' passagg ta' vetturi kwistjoni ta' vetturi li ghaddew biss bil-permess ta' missieru. Jghid li fl-istess ritratt il-hajt ma' jistax jarah u dan minhabba il-haxix.

Jaqbel li l-istess parti tal-passagg immarkata fl-istess ritratt a fol 123 hija dik fejn huma tefghu l-gebel.

Mistoqsi kif hitan ohrajn jidhru cari mir-ritratti mill-ajru u ghaliex allura dan in mertu li huma jghidu li kien hemm u tkisser mill-konvenut ma' jidhirx, jghid li l-hitan li jidhru huma ta' divizjoni mentri dan huwa ta' retenzjoni tal-hamrija. Jghid li kif spjegat tajjeb il-perit taghhom tali hitan mhux tant jidhru specjalment meta jkun hemm il-haxix hazin.

Riferut imbaghad ghar-ritratt mill-ajru a fol 124 tal-process numru 78/2021,[29] jghid li anqas dan ir-ritratt m'hu tant car.

Jinsisti li hajt kien hemm, mhux bnieh missieru, b'dan li huwa u missieru mbaghad poggew il-gebel sabiex jirrimedjaw il-hsara li ghamlilhom il-konvenut.

Jinsisti li huwa lill-konvenut qatt ma' rah ghaddej b'ingenji bl-ewwel darba li rah kien fl-14 ta' Awwissu, 2021.

Mistoqsi kif ghaddew l-ingenji ta' *Said Construction Ltd* li taghhom ezebew ir-ritratti huwa u missieru stess li ghalihom saritlu referenza qabel,[30] jghid li fejn jidhru dawk l-ingenji m'ghandux x'jaqsam ghaliex

[28] Kopja tieghu tinsab a fol 35 tal-process odjern.
[29] Kopja tieghu tinsab a fol 35a tal-process odjern.
[30] Ritratti a fol 51 u 52 tal-process odjern.

ma' jidhrux go taghhom. Jghid li r-raba' taghhom jinsab il-gewwa minn hemmhekk.

Mistoqsi jindika fejn kienet is-sigra tat-tin, jghid li l-gheruq mqaccta tat-tina jidhru fir-ritratti annessi mal-affidavit ta' missieru. Izid li l-istess tina tqacctulha l-gheruq x'hin ghaddew haddiema ngaggjati mill-konvenut bil-gaffa.

Mistoqsi x'hin ha r-ritratti ezebiti mall-affidavit ta' missieru jghid li dawn ittiehdu wara li l-haddiema dahlu f'tal-konvenut, ghamlu xi siegha jahdmu u bdew hergin.

Jghid li huwa mar ghand il-pulizija ma' missieru dwar serq ta' gebel u hamrija. Izid li dwar il-munzell gebel li tieghu gie muri ritratti qabel dak tefawh huwa u missieru gewwa hwejjighom, mhux fil-passagg. Jghid li ghalhekk huma nsistew li jhalluh hemm u li l-konvenut ghandu access minn banda ohra.

Izid li jahseb li dakinahr tas-17 ta' Awwissu, 2021 il-konvenut kien fil-fatt dahal minn banda ohra izda rid johrog minn hemm b'dan li meta sab il-gebel qal li xehtuh waqt li huwa kien fir-raba' tieghu sabiex jimblukkawh hemm gew.

**George Mercieca** xehed permezz ta' affidavit.[31] Jiddikjara li huwa u membri oħrajn tal-familja tiegħu jaħdmu raba', imsejjaħ Tal-Ħamri sive Ta' Sfunnarija, fl-inħawi tal-Fanal, l-Għasri. Izid li ghal dan ir-raba' dejjem aċċedew minn passaġġ li jinsab fin-naħa t'isfel tal-għolja tal-Fanal. Izid li dan il-passaġġ huwa ċkejken u dejjaq u mhux komdu għall-inġenji l-kbar. Jghid li għalhekk kienu talbu lill-attur sabiex jaċċedu mir-raba' tiegħu li tinsab aktar 'il fuq maġenb l-għolja.

Jghid li fir-raba' tal-attur qatt ma kien hemm passaġġ jew mogħdija għall-inġenji izda l-attur kien ihallihom jghaddu bil-barka u permess tieghu.

Izid li ghal dan, u bhala rikonoxximent, kull sena kienu jaghtu xi demel lill-attur.

[31] Affidavit a fol 71.

Izid li l-marki tal-inġenji li jidhru fir-ritratti mill-ajru fir-raba' tal-attur huma marki mhollija minnu u familtu meta jghaddu kif spjegat. Izid li meta huwa u familtu kienu jghaddu u jeħilsu mix-xogħol, l-attur kien jagħlaq il-ħajt bil-ġebel.

Jiddikjara li huwa nnota li fis-sajf 2021, xi ħadd għamel xogħlijiet minfejn kien jgħaddi billi nqalgħu ħitan tas-sejjieħ u tkisser pal tal-bajtar kif ukoll tneħħiet xi ħamrija. Jghid li wara li sehhew dawn ix-xogħlijiet l-attur ma riedux jgħaddi aktar minn fuq ir-raba' tiegħu bħas-soltu bir-riżultat li x-xhud kellu jara kif jagħmel sabiex jgħaddi mit-triq proprja tiegħu.

**In kontro-ezami**,[32] xehed li huwa kien jghaddi mill-passagg li nghalaq biss bil-kusens tal-attur. Jghid li l-mghodija tieghu mhux minn hemm. Izid li fuq haddiehor ma' jistax jitkellem minn fejn ghandu jghaddi.

Jghid li f'Awwissu sab li l-passagg inghalaq b'hajt. Jghid li qabel dakinhar huwa kien jghaddi mill-passagg bil-permess tal-attur. Jaqbel allura li hemmhekk qabel ma' kienx hemm hajt.

**Nicholas Galea**, il-konvenut, xehed permezz ta' affidavit.[33] Jiddikjara li huwa għandu fil-pussess tiegħu 'l fuq minn 25 tomna raba' mifruxin f'diversi nħawi fuq l-għolja Tal-Ġordan, l-Għasri. Jghid li huwa jgħaddi għar-raba' tiegħu skont fejn jinsabu.

Jghid li l-passaġġ li għalaqlu l-attur huwa l-aċċess tieghu għal madwar 15-il tomna raba' milli ghandu. Izid li huwa jgħaddi mill-istess passagg bejn Mejju u Settembru għax ir-raba' tiegħu minn hemm biss jintlaħaq bl-inġenji. Izid li fix-xhur tax-xitwa juża passaġġ ieħor bir-riġel.

Jghid li fl-2021 inħariglu permess sabiex jibni kamra fir-raba' tiegħu. Jghid li x-xogħol kellu jibdih fis-sajf billi l-aċċess bl-inġenji kien biss mill-mogħdija li għalaqlu l-attur.

Jghid li l-attur kien ilu bit-tikketta miegħu sa minn meta xtara r-raba' li ried jixtri hu mingħajr suċċess.

[32] Traskrizzjoni – mhux paginata – fl-atti tal-kawza numru 78/2021 BS fl-ismijiet inversi maghmulha applikabbli ghal din l-istanza odjerna permezz tad-digriet tas-16 ta' Marzu, 2022 li bih il-Qorti laqghet talba tal-partijiet sabiex il-provi migbura fil-kawza numru 78/2021 BS jiddahhlu fil-kawza odjerna – digriet kontenut fil-verbal a fol 21.

[33] Affidavit a fol 84 sa 87 b'ritratti a fol 88.

Izid li meta l-attur sar jaf li kien applika għall-permess għall-bini ta' *agricultural store*, l-attur qabad miegħu billi, perezempju, beda jaqla ġebel mill-ħitan u jitfgħu fil-passaġġ b'tali mod li ma setax jgħaddi bir-riġel u anke tefagħlu ż-żebgħa fuq id-dura. Jezebixxi zewg ritratti li jghid li juru proprju dan.[34]

Dwar l-inċident li ta lok għall-kawża tal-ispoll, jgħid li fl-14 ta' Awwissu 2021 madwar l-10.30 ta' filghodu, huwa daħal ma kuntrattur ta' *Said Construction Ltd* b'gaffa u truck sabiex iħaffar trinka għall-pedamenti tal-kamra. Izid li għaddew mill-mogħdija inkwistjoni bla ma ntmess ġebel minn mal-ħitan billi hi wiesgħa aktar milli biżżejjed. Izid li hawnhekk l-attur, li mar fuq il-post meta kienu hergin hu u l-kuntrattur, ħa xi ritratti tax-xogħlijiet konnessi mal-bini tal-kamra.

Jghid li wara dan huwa reġa' daħal fir-raba' tiegħu fis-17 ta' Awwissu 2021 bil-jeep mgħobbija bl-għodda. Izid li fit-8.00 ta' filghaxija, meta gie sabiex johrog, sab il-mogħdija ostokolata bil-ġebel tas-sejjieħ. Jghid li dak il-ħin stess, fuq parir tal-avukat tiegħu, ċempel l-Għassa tal-Pulizija u ghamel rapport li jinsab maqbud fil-passaġġ li mblokka l-attur.

Jghid li huwa nforma lill-pulizija li s-suspett tieghu kien li l-passagg gie maghluq mill-attur. Izid li skont il-pulizija, l-attur ammetta li kien hu li tefa' il-ġebel hemmhekk b'dan li l-attur qal li ma' kienx ser inehhih ghax skontu kien tefgħu fi ħwejġu. Jghid ukoll li l-pulizija nfurmawh li l-attur qalilhom li huwa – il-konvenut – seta' jgħaddi minn band'oħra u cioè min-naħa ta' Wied il-Mielaħ.

Izid li l-pulizija ma setgħu jagħmlu xejn aktar u allura huwa warrab parti mill-ġebel u baqa' sejjer dritt l-għassa flimkien mal-avukat tiegħu.

Jghid li l-ingombru li ħoloq l-attur kien magħmul minn vjeġġi ġebel li l-attur ġab apposta u mhux mill-ġebel li l-attur qed jgħid li neħħa hu mir-raba' tal-attur. Izid li b'dan il-ġebel ġdid, l-attur bena ħajt li qatt ma kien hemm qabel b'mod li mblukkalu l-aċċess minn hemm.

Jispjega li l-ghada huwa rċieva Mandat ta' Inibizzjoni. Itenni li l-attur kompla jostakola l-passaġġ billi bena ħajt fil-passaġġ bil-ġebel il-ġdid li

[34] Ritratti a fol 88.

kien ġab b'mod li tawlu iżjed 'il barra aktar minn nofs il-wisa' tal-passaġġ. Jghid ukoll li l-attur ħalla mogħdija bir-riġel biss.

Jinsisti li minkejja li l-attur ġie mwissi mill-pulizija bil-kelma t-tajba dan baqa' jisfidahom tant li l-ġebel u l-ħajt ħallihom hemm fin-nofs kif għadhom hekk sal-lum b'dan li huwa ghadu sal-lum ma jistax jgħaddi minn hemm.

Jiċħad li hu jew ħaddiem ta' *Said Construction Ltd* neħħew ħitan sabiex jgħaddu kif qed jgħid l-attur. Jghid li huwa warrab biss xi ġebel fis-17 ta' Awwissu 2021 bil-lejl meta ġie biex joħroġ u sab l-aċċess imblukkat bil-munzelli tal-ġebel li l-attur kien tefa' fil-passaġġ.

Jghid li l-passaġġ kien wieħed wiesgħa li jippermetti li jgħaddu minn hemm bl-inġenji tar-raba' imdaqqsa.

Izid li huwa ilu jaf dan il-passaġġ kemm ilhu midħla tal-inħawi u allura għal dawn l-aħħar madwar 25 sena.

**In kontro-eżami**,[35] xehed li huwa għamel il-kawża ta' spoll sabiex jitneħħa l-imblokk u jkun jista' jgħaddi għar-raba' tiegħu.

Jghid li huwa ħadem ir-raba' din is-sena u anke fl-2021. Izid li kien kostrett li jaħdmu għax marbut li jrid jaħdmu b'dan li sabiex ghamel hekk aċċeda minn band'oħra.

Jispjega li kellu jħallas sabiex daħal minn ġo ta' ħaddieħor kif kellu wkoll jaghmel sabiex bena l-kamra.

Jghid li dakinhar li nqabad wara l-ħajt bil-vettura fis-17 ta' Awwissu, huwa daħal fil-11.00 ta' filghodu bil-jeep tieghu u sab il-ġebel irbolat meta gie sabiex johrog fit-8.00 ta' filghaxija. Izid li ghalhekk ċempel lill-pulizija u informahom dwar min seta' għamel l-imblokk. Jghid li l-attur ammetta li kien hu li mblokka il-passagg meta ċemplulu l-pulizija b'dan li lill-pulizija zid jghidlhom li l-gebel tefgħu ġo ħwejġu u ma kienx ser ineħħiħ minn hemm. Izid li l-attur lill-pulizija qalilhom ukoll li jekk huwa – il-konvenut – ried jgħaddi, kellu jgħaddi mit-tieqa ta' Wied il-Mielaħ.

[35] Traskrizzjoni a fol 147 sa 156.

Jghid li dakinhar huwa baqa' hemm bil-jeep mgħobbija sa ma saru d-9.30 ta' filghaxija meta mbaghad kellu jwarrab il-ġebel li seta' għall-ġenb sabiex għadda. Izid li wara dan ċempel lill-avukat sabiex imorru l-Għassa tal-Pulizija flimkien u hemm jagħmel rapport.

Jinsisti li huwa dejjem minn dan il-passaġġ għadda.

Itenni li huwa sab il-passagg maghluq meta ħeles mix-xogħol u mhux huwa u dieħel.

Jghid li la l-għada u lanqas fil-jiem ta' wara ma mar jaħdem raba' għax il-passaġġ kien imblukkat.

Jichad li seraq xi ġebel u ħamrija. Jghid li huwa neħħa l-ġebel tal-imblokk meta daħal u ma' setghax johrog izda ma mess xejn aktar.

Izid li l-hajt li nbena sabiex gie mblokkat il-passagg għadu hemm sal-lum.

**B'affidavit ulterjuri**,[36] xehed li l-passagg li ghalaqlu l-attur huwa l-unika mod li minnu huwa u bdiewa ohra jaslu fl-ghelieqi taghhom bl-ingenji.

Jiddikjara li fl-2021 inghata permess sabiex jibni kamra f'ghalqa minn tieghu. Jezebixxi kopja tal-permess li nghata.[37] Jghid li x-xoghol rid jaghmlu fis-sajf meta setgha jghaddi bl-ingenji mill-passagg li ghalaq l-attur.

Jikkonferma dak kollu minnu dikjarat fl-affdiabvit tieghu prezentat fl-istanza odjerna.

Jezebixxi rittratt li juri gebel li skontu gie rbulat fil-passagg mill-attur,[38] u ritratt li skontu juri li l-attur kompla jostakola l-passagg billi bl-istess gebel li rbola qabel, aktar tard bena l-hajt fil-passagg bil-hajt bnih sa kwazi l-wisgha shiha tal-passagg.[39]

[36] Prezentat fl-atti tal-kawza numru 78/2021 BS fl-ismijiet inversi u maghmul applikabbli ghal din l-istanza odjerna permezz tad-digriet tas-16 ta' Marzu, 2022 li bih il-Qorti laqghet talba tal-partijiet sabiex il-provi migbura fil-kawza numru 78/2021 BS jiddahhlu fil-kawza odjerna – digriet kontenut fil-verbal a fol 21.
[37] Kopja tal-permess a fol 50 u 51 tal-process numru 78/2021.
[38] Ritratt a fol 53 tal-proces snumru 78/2021.
[39] Ritratt a fol 55 tal-proces snumru 78/2021.

Jezebixxi wkoll ritratti mill-ajru li skontu juru li l-passagg ilu jezisti zmien twil u minnu jghaddu bdiewa ohra.[40] Jimamrka l-parti fejn inbena il-hajt b'cirku f'ritratt min dawn.

**Josef Said**, kuntrattur ma' *Said Construction Ltd*, xehed[41] li ma jafx min kienu l-ħaddiema li marru fuq il-post jagħmlu x-xogħol u li l-kumpanija ma żżommx reġistru dwar dan.

**In ri-eżami**,[42] xehed li l-kumpanija għandha diversi ħaddiema jaħdmu magħha kuljum.

**Permezz ta' affidavit**,[43] iddikjara li huwa mpjegat ma' huh Peter Paul Said fil-kumpanija *Said Construction Ltd*.

Izid li f'Awwissu 2021 ghamlu xi xoghol ta' thammil ta' pedamenti f'ghalqa tal-konvenut fuq l-gholja tal-Fanal, l-Ghasri.

Jghid li xi tlett gimghat qabel beda' ix-xoghol huwa mar fuq is-sit massid sabiex jara x'kien hemm bzonn isir u minn fejn kienu ser jaccedu.

Jiddikjara li dakinhar ghaddew minn mghodija ffurmata li kienet ta' wisgha bizzejjed tant li ghaddew komdi minghajr htiega li jmissu xejn.

Izid li l-mghodija kienet libera u minghajr ebda hitan f'nofsha.

**In kontro-ezami**,[44] xehed li bhala xoghol huma ghamlu pedamenti. Izid li tul x-xoghol huwa ma' kienx ikun fuq is-sit. Jghid li huwa kien mar jara minn fejn ser jaccedu u x'kien hemm bzonn isir imbaghad bghat xi haddiema tal-kumpanija. Jghid li llum ma jiftakarx minn kienu l-haddiema li bghat.

---

[40] Ritratti fil-process numru 78/2021 – mhux paginati.
[41] Traskrizzjoni a fol 124 sa 126.
[42] Traskrizzjoni a fol 126 u 127.
[43] Prezentat a fol 116 u 117 fl-atti tal-kawza numru 78/2021 BS fl-ismijiet inversi u maghmul applikabbli ghal din l-istanza odjerna permezz tad-digriet tas-16 ta' Marzu, 2022 li bih il-Qorti laqghet talba tal-partijiet sabiex il-provi migbura fil-kawza numru 78/2021 BS jiddahhlu fil-kawza odjerna – digriet kontenut fil-verbal a fol 21.
[44] Traskrizzjoni – mhux paginata – fl-atti tal-kawza numru 78/2021 BS fl-ismijiet inversi maghmulha applikabbli ghal din l-istanza odjerna permezz tad-digriet tas-16 ta' Marzu, 2022 li bih il-Qorti laqghet talba tal-partijiet sabiex il-provi migbura fil-kawza numru 78/2021 BS jiddahhlu fil-kawza odjerna – digriet kontenut fil-verbal a fol 21.

Jghid li meta huwa mar jara s-sit telghu minn mghodija b'jeep tal-konvenut stess. Izid li hekk waslu sas-sit inniffsu.

Jghid li huwa cert li l-haddiema tieghu ma' messew ebda hamrija jew gebel sabiex waslu fl-ghalqa tal-konvenut. Jghid li meta gew bzonn *excavator* din refghuha b'gaffa sabiex zgur ma' jmissux hitan.

Jghid li huwa ma' kienx fuq is-sit waqt ix-xogholijiet. Izid izda li l-konvenut kien u l-haddiema kien jiggwidhom huwa kif u minn fejn jghaddu.

**In re-ezami,**[45] xehed li bil-jeep tal-konvenut huma baqghu telghin sas-sit tal-konvenut. Muri ritratt mehud mill-ajru,[46] jindika bl-ittri "X", "Y", u "Z",[47] mnejn huwa ghaddha flimkien mal-konvenut dakinhar li mar fuq is-sit sabiex jara x'kien hemm bzonn isir. Jghid li f'dak il-passagg ma' kien hemm ebda ostaklu. Izid li ma' waqfux, baqghu tilghin bil-jeep sal-ghalqa tal-konvenut.

Muri zewg ritratti ezebiti mill-attur mal-affidavit tieghu,[48] jixhed li l-ingenji li jidhru fihom huma it-tnejn tal-kumpanija *Said Construction Ltd.* jghid li dawn huma wiesgha cirka 6 piedi u allura ftit izjed minn karozza.

Jghid li jekk ix-xoghol sar fl-14 ta' Awwissu huwa mar fuq il-post qabel ghaliex mar jara x'kien hemm bzonn isir. Jerga jghid li bil-jeep hu, mal-konvenut, telgha fil-liberta kollha.

**Il-Perit Shawn Micallef**, perit *ex parte* tal-konvenut, muri ritratt mill-ajru anness mar-rapport tieghu,[49] xehed[50] li mill-istess ritratt jidher car li

[45] Traskrizzjoni – mhux paginata – fl-atti tal-kawza numru 78/2021 BS fl-ismijiet inversi maghmulha applikabbli ghal din l-istanza odjerna permezz tad-digriet tas-16 ta' Marzu, 2022 li bih il-Qorti laqghet talba tal-partijiet sabiex il-provi migbura fil-kawza numru 78/2021 BS jiddahhlu fil-kawza odjerna – digriet kontenut fil-verbal a fol 21.
[46] Ritratt a fol 35 tal-process odjern u a fol 123 tal-process numru 78/2021 BS.
[47] Fuq ir-ritratt a fol 123 tal-process numru 78/2021 BS.
[48] Ritratti a fol 51 u 52 tal-process odjern.
[49] Ritratt a fol 34 tal-process odjern.
[50] Traskrizzjoni – mhux paginata – fl-atti tal-kawza numru 78/2021 BS fl-ismijiet inversi maghmulha applikabbli ghal din l-istanza odjerna permezz tad-digriet tas-16 ta' Marzu, 2022 li bih il-Qorti laqghet talba tal-partijiet sabiex il-provi migbura fil-kawza numru 78/2021 BS jiddahhlu fil-kawza odjerna – digriet kontenut fil-verbal a fol 21.

hemmhekk hemm passagg b'dan li fuqu anke jidhru marki ta' access b'vettura.

Jinsisti li huwa cert mija fil-mija li l-passagg huwa karrozzabbli.

Riferut imbaghad ghal-ritratt iehor anness mar-rapport tieghu,[51] xehed li mill-access li zamm irrizulta car li l-hajt li jidher fl-istess ritratt kien wiehed gdid.

Jispjega li r-ritratti mill-ajru li nkluda mar-rapport tieghu juru car li l-hajt li jidher fir-ritratt riferut lilu ma' kienx hemm qabel. Jghid li anzi, minn tali ritratti mill-ajru jirrizulta access karrozzabbli liberu.

Jirreferi ghalhekk ghar-ritratt mill-ajru li nkluda mar-rapport tieghu fuq liema mmarka minn fejn ittiehdu r-ritratti l-ohrajn u indika fejn inbena l-hajt.[52] Jixhed li fuq dan ir-ritratt huwa ta' indikazzjoni ta' fejn inbena l-hajt gdid b'dan li izda m'ghamilx pjanta *to scale* dwar il-qisien tal-hajt.

Jaqbel li fiz-zona in kwistjoni hemm dizlivelli bejn ghalqa u ohra. Jaqbel ukoll li meta jigri hekk jinbnew hitan tas-sejjieh bejn l-ghelieqi. Mistoqsi jekk allura l-hajt li jidher fir-ritratt anness mar-rapport tieghu – ritratt a fol 36 – jurix wiehed min tali hitan jghid li huwa waqt l-access tieghu fuq is-sit kkonstata li dan kien hajt gdid. Jghid li wara rrefera ghar-ritratti mill-ajru u ra li tul is-snin dan il-hajt ma' kienx hemm.

Jispjega li hu, waqt l-access tieghu fuq is-sit, ha l-pozizzjoni tas-sit bil-passagg b'kollox imbaghad mar ghar-ritratti mill-ajru u hemm ikkonstata li l-hajt li jidher fir-ritratti tieghu ma' kienx hemm minn dejjem u kien recenti.

**Il-Perit Cornelia Tabone**, perit *ex parte* tal-attur, xehdet li[53] hija mhijiex certa meta nghatat l-inkarigu mill-attur izda accediet fuq il-post. Tghid li jekk ir-rapport taghha huwa datat l-1 ta' Gunju, 2022 mela hija tkun marret fuq il-post ftit jiem qabel. Tghid li jista jkun li hija nghatat l-

[51] Ritratt a fol 36.
[52] Ritratt a fol 39 tal-process odjern.
[53] Traskrizzjoni – mhux paginata – fl-atti tal-kawza numru 78/2021 BS fl-ismijiet inversi maghmulha applikabbli ghal din l-istanza odjerna permezz tad-digriet tas-16 ta' Marzu, 2022 li bih il-Qorti laqghet talba tal-partijiet sabiex il-provi migbura fil-kawza numru 78/2021 BS jiddahhlu fil-kawza odjerna – digriet kontenut fil-verbal a fol 21.

inakrigu wara li sar ir-rapport tal-Perit Shawn Micallef li gie ezebit fil-Qorti fl-20 ta' Mejju, 2022.

Tghid li r-ritratti nkluzi mar-rapport taghha hemm minnhom li hadithom hi u minn minnhom li hadhom il-klijent taghha – l-attur. Tghid li mir-ritratti hija kkonstatat li xi hadd dahal u ghamel xi bidliet.

Tghid li l-hajt riskontrat fir-ritratti mehmuza mar-rapport taghha jidher fir-ritratti mill-ajru tal-1998 u l-2004.

Murija ritratti mill-ajru ezebiti mill-Perit Shawn Micallef tghid li hija rreferit ghal-ritratti maghmulha disponibbli lilha. Izzid li f'certi ritratti hemm *overgrown vegetation* li ma' jhallukx tikkonstata sew jekk kienx hemm il-hajt lanjat minnu jew le. Izzid izda li fil-bqija tar-ritratti jidher hajt.

Tghid li l-hajt li jidher immarkat bl-ittra "X" fir-ritratt muri lilha,[54] liema hajt huwa f'nofs il-passagg, hija kkonstatu fir-ritratti mill-ajru tal-1998 u t-2004.

Murija ghal darb'ohra r-ritratti mill-ajru ezebiti mil-perit Shanw Micallef u suggerit lilha li hemmhekk jidher passagg karozzabbli minghajr hitan fin-nofs tghid li fejn hemm *overgrowth* ta *vegetation* hija ma' tistax tghid hemmx il-hajt tahtu jew le.

Tghid li mir-ritratti mill-ajru li ezebit hija jidher car li hajt kien hemm. Izzid izda li hija ma' haditx qisien dwar l-estensjoni tieghu.

Tghid li hija qatt ma' qalet li passagg m'hemmx jew huwa biss bir-rigel. Tghid li hi tkelmet biss dwar il-hajt.

Mistoqsija dwar l-osservazzjonijiet taghha fuq il-post tghid li hija rat spostament tal-pal tal-bajtar u gheruq ta' tina mikxufin. Tghid li dan jirrizulta minn zewg ritratti annessi mar-rapport taghha.[55]

Mistoqsija jekk hija ratx ingenji ghaddejja mil-post tghid li le.

[54] Ritratt a fol 53 tal-process numru 78/2021 BS.
[55] Ritratti a fol 67 u 68 tal-process odjern.

**In re-ezami**,[56] xehdet li bejn ir-raba' fil-habel ta' fuq u r-raba' fil-habel ta' isfel hemm dizlivell. Tghid li l-hajt in kwistjoni u wiehed ta' retenzjoni tal-hamrija. Tirreferi ghar-ritratt anness mar-rapport taghha li tghid li juri proprju dan.[57]

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

L-attur fetah din il-kawza ta' spoll u jghid li l-konvenut fl-14 ta Awissu, 2021 dahal f'parti mir-raba tieghu u waqqa hitan tas-sejjieh kif ukoll garr gebel tas-sejjieh minn fuq l-art ta l-attur. Jghid ukoll li l-konvenut witta u nehha hamrija agrikola tieghu minghajr il-premess tieghu. Jghid ukoll li dan l-agir jammonta ghal spoll vjolenti u klandestin da parti tal-konvenut. Jitlob ghalhekk li l-konvenut jigi ordnat jispurga l-ispoll fi zmien moghti mill-Qorti u fin-nuqqas ix-xogholijiet mehiega jsiru mill-attur a spejjez tal-konvenut.

Il-konvenut jilqa ghat-talbiet ta' l-attur billi jichad illi huwa ikkommetta l-azzjonijiet msemmija mill-attur. Jghid li l-kawza odjerna nfethet mill-attur b'ritaljazzjoni ghal azzjoni ta spoll istiwita minnu kontra l-attur odjern. Jinsisti li l-unika spoll kommess, sehh mill-attur meta dan ghalaq il-passagg karrozzabbli kif imsemmi fil-kawza miftuha minnu kontra l-attur. Ghal dawn ir-ragunijiet il-konvenut jitlob li t-talbiet ta l-attur jigu michuda bl-ispejjez kontrih.

### Ikkunsidrat Ulterjorment:

L-*actio spolii,* bhal ma' hija din l-azzjoni tal-lum kif ittentata mill-attur, hija regolata mill-Artikolu 535 tal-Kodici Civili, Kap. 16, Ligijiet ta' Malta, li jaqra:

[56] Traskrizzjoni – mhux paginata – fl-atti tal-kawza numru 78/2021 BS fl-ismijiet inversi maghmulha applikabbli ghal din l-istanza odjerna permezz tad-digriet tas-16 ta' Marzu, 2022 li bih il-Qorti laqghet talba tal-partijiet sabiex il-provi migbura fil-kawza numru 78/2021 BS jiddahhlu fil-kawza odjerna – digriet kontenut fil-verbal a fol 21.
[57] Ritratt a fol 67.

**535.** *(1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*(2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll.*

Minn dan l-artikolu jirrizultaw l-elementi essenzjali sabiex attur jirnexxi f'azzjoni ta' spoll.

Dawn l-elementi huma tlieta:

i. li huwa kien jipposjedi l-oggett in mertu b'pussess ta' kwalunkwe' xorta jew b'detenzjoni - *possedisse;*
ii. li huwa gie spoljat minn dak il-pussess jew detenzjoni - *spoliatum fuisse*, u;
iii. li huwa ntavola l-kawza ta' spoll fi zmien xahrejn mill-jum li fih sar l-att spoljattiv allegat minnhu - *infra bimester deduxisse*.

**Rigward l-ewwel element, il-*possedisse*,** huwa pacifiku li l-espressjoni *"pussess ta' liema xorta jkun"* tikkomprendi kwalunkwe' tip ta' "pussess" inkluz dak civili *kemm dak sempliciment naturali u anke dak vizzjuz*.[58]

Inghad infatti:

*"Neanche' e' permesso in questa causa di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo domini o no; perche' la legge non richiede che un possesso materiale e di fatto; tanto e' vero che si concede la detta azione anche al possessore che avesse in tempo precedente usurpato con violenza la cosa altrui" (Vol X p55).*[59]

---

[58] Vol XLII p. II p. 973. Ara wkoll id-decizjoni moghtija nhar il-31 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet ***John Sammut vs Emmanuel Sammut***, Citazz. Nru. 941/1995/2 PS.
[59] Iccitat fl-istess decizjoni moghtija nhar il-31 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet ***John Sammut vs Emmanuel Sammut***, Citazz. Nru. 941/1995/2 PS.

Li huwa mehtieg, allura, huwa li attur f'kawza ta' spoll jipprova li ghandu l-pussess.

Jinghad ulterjorment li anke jekk il-pussess ikun wiehed qasir hafna u sahansitra momentarju, dan xorta wahda huwa sufficjenti sabiex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll, imbasta jkun univoku u mhux ibbazat fuq mera tolleranza.[60]

Fid-decizjoni moghtija nhar it-30 ta' April, 2004 fl-ismijiet ***Farrugia Carmelo et vs Farrugia Carmelo et***,[61] il-Prim'Awla tal-Qorti Civili rritenit li pussess kwalunkwe', anke purament materjali u di fatto, anke qasir hafna u sahansitra momentarju huwa sufficjenti, basta jkun univoku u ma jkunx ibbazat fuq mera tolleranza. Dan ghaliex huwa ben risaput illi minn jiddetjeni haga b'semplici tolleranza ma' jistax jezercita l-*actio spolii*.

Fid-decizjoni moghtija mil-Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Gunju, 2004 fl-ismijiet ***Marianna Dean vs Joseph Abela***,[62] gie ritenut li m'hemmx pussess tutelabbli fejn hemm semplici tolleranza.

B'dan li, fid-decizjoni moghtija nhar il-25 ta' Mejju, 2007 fl-ismijiet ***Michael Aquilina et vs Andrew Briffa et***,[63] il-Qorti tal-Appell sostniet li:

> *Huma meqjusin bhala atti ta' semplici tolleranza dawk imnissla "nei rapporti di buon vicinato in grazia dei quali si permetta o si tollera che altrui faccia sulla cosa che gli appartiene cio` che non avrebbe diritto alcuno di farvi" - Ricci, "Corso Teoretico - Practico di Diritto Civile", Vol. V. pagna 73. Fi kliem iehor, jitqies li tkun zamma b'semplici tolleranza dik fejn il-haga tkun mizmuma b'semplici kortezija jew fejn haddiehor ikun jista' jirtiraha x'hin irid. B'zieda ma' dan kollu, jinghad ukoll li l-ghemejjel ta' semplici tolleranza ghandhom xejra ta' transitorjeta` u saltwarjeta`.*[64]

Il-Qorti hija wkoll konxja mill-fatt li l-azzjoni ta' spoll hija radikata fuq l-esigenzi ta' l-utilita' socjali, intiza sabiex taghti protezzjoni lil kwalunkwe' pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat milli jiehu l-gustizzja f'idejh.

---

[60] Vol XXXVII p. II p. 642. Ara wkoll id-decizjoni moghtija nhar l-24 ta' April, 1947 fl-ismijiet ***Cortis vs Sammut***.
[61] Citazzjoni Numru. 564/1998/1.
[62] Appell Civili Numru. 930/2003/1.
[63] Appell Civili Numru. 2947/1996/1.
[64] Ara wkoll id-decizjoni moghtija nhar it-12 ta' Jannar, 2005 mil-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Cuschieri v. Cilia***.

Il-fini tal-azzjoni huwa nfatti dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt, jew turbat.[65] Huwa proprju ghalhekk li l-istess disposizzjoni tal-ligi taghmel referenza espressa ghall-Artikolu 791 tal-Kap. 12 li jrid illi l-konvenut f'kawza ta' spoll ma jista' jaghti ebda eccezzjoni li mhix dilatorja qabel ma jkun rega' qieghed il-haga fl-istat pristinu.

Huwa b'din il-mira li l-gurisprudenza u d-dottrina legali jinsistu li l-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt ta' l-ispoll.

Fil-kawza *de quo*, jirrizulta li kemm il-partijiet kontendenti kif ukoll terzi setgha kellhom pussess ta' porzjon art utilizzata bhala parti minn passagg itwal u ntegrata fl-istess.

B'dan li l-attur jittenta jghid li ghalkemm fuq l-istess porzjon art setgha kien hemm passagg, dan kien dejjaq u jinsab fuq ir-raba' tieghu mentri l-konvenut jittenta jghid li l-istess kienet tifforma parti integra minn passagg ta' wisgha bizzejjed sabiex jghaddu vetturi komodament u li huwa sa' minn dejjem utilizza sabiex wasal fir-raba' tieghu.

Sabiex jipprova t-tezi tieghu li din il-porzjon tal-passagg in mertu dejjem kienet f'idejh, l-attur u ibnu Samuel Mizzi jixhdu li din l-istess kienet maghluqha b'hajt li kien ihalli biss passagg bir-rigel u, permezz tax-xhieda tal-perit *ex parte* taghhom, il-Perit Cornelia Tabone, jallegaw li l-istess hajt kien wiehed ta' divizjoni bejn hbula ta' raba' fuq livelli differenti u li, allura, warajh kien hemm hamrija li taghha kien qieghed iservi bhala hajt ta' retenzjoni.

L-attur iressaq ukoll ix-xhieda ta' George Mercieca, bidwi li wkoll ghandu raba' fil-vicin tal-porzjon art jew passagg in mertu. Mercieca jixhed li ghar-raba' taghhom hu u familtu kellhom access minn passagg indipendenti minn dak in mertu li kien dejjaq u mhux komdu. Izid li fuq l-art ta' l-attur qatt ma' kien hemm passagg jew mghodija b'dan li kull meta hu, familtu, u ohrajn gew bzonn jaccedu fil-qtajja ta' raba taghhom b'ingenji kbar kienu jghaddu minn fuq l-art ta' l-attur biss bil-barka u l-permess ta' l-istess attur. Izid li tant dan huwa minnu li bhala rikonoxximent, darba fis-sena kienu jghatu xi demel lill-attur.

[65] Vol XLII p. II p. 973 kif ukoll Vol XLI p. II p. 846.

Minn naha tiegħu, il-konvenut jinsisti li huwa dejjem u biss mill-passaġġ in mertu għadda sabiex wasal għar-raba' tiegħu. Jinsisti wkoll li dan il-passaġġ li jwassal mit-triq għal diversi qtajja ta' raba', inkluż tiegħu, kien ta' wisgħa bizzejjed sbaiex minnu jgħaddu varji vetturi. Jinsisti wkoll li tali passaġġ qatt ma' kien b'xi mod imbarrat u ġie biss imbarrat f'Awwissu, 2021, meta huwa beda xogħol ta' kostruzzjoni ta' kamra għall-ħażna ta' għodda agrikola fil-porzjon raba' tiegħu.

Sabiex jipprova din it-teżi tiegħu l-konvenut iressaq diversi provi apparti x-xhieda tiegħu stess.

Fost tali provi jressaq ix-xhieda ta' William Zammit, ukoll bidwi li għandu qtajja ta' raba' fil-viċinanzi tal-passaġġ in mertu u tar-raba' tal-partijiet kontendenti.

Zammit jixhed mingħajr tlaqliq li l-passaġġ tiegħu dejjem kien minn fuq ir-raba ta' l-attru. Iżid iżda li fl-aħħar snin kien qiegħed isib l-istess passaġġ tiegħu mbarrat bil-ġebel u kien allura qiegħed juża passaġġ taħt l-istess raba' ta' l-attur; l-istess passaġġ li l-konvenut jinsisti li dejjem uża huwa.

Zammit jixhed fil-fatt li fl-aħħar snin kien qed isib ir-raba' tal-attur, minn fejn kellu jaċċedi għar-raba' tiegħu hu, mblukkat bil-ġebel b'dan li beda juża l-passaġġ ta' taħt sakemm, f'Awwissu 2021 sab li anke dan il-passaġġ ġie mblukkat bil-ġebel.

Zammit jixhed ukoll li kull meta huwa għadda b'inġenji kbar dejjem minn dan il-passaġġ għadda.

Il-konvenut iressaq ukoll lill Josef Said, kuntrattur ma' *Said Construction Limited* li, f'Awwissu, 2021 kienu ngaġġjati mill-konvenut sabiex jibnulu l-kamra fir-raba' tiegħu.

Said jikkonferma li huwa mar fuq il-post darba mal-konvenut sabiex jara x'kellu jsir u minn fejn kienu ser jaċċedu l-ħaddiema tiegħu bl-inġenji. Iżid li flimkien, bil-vettura tal-għamla *Jeep* tal-konvenut, hu u l-konvenut għaddew minn dan il-passaġġ mingħajr problemi.

Said jindika fil-fatt dik l-parti tal-passagg li l-attur jghid li kienet maghluqha b'hajt bhala parti minn dan il-passagg li huwa ghaddha minnu flimkien mal-konvenut dakinhar li mar fuq is-sit jara x'kien hemm bzonn isir u minn fejn kienu ser jaccedu bl-ingenji. Dan jaghmlu fuq ritratt mill-ajru ezebit a fol 123 tal-process tal-kawza numru 78/2021 BS,[66] kawza wkoll ta' spoll bejn l-istess partijiet odjerni izda fl-ismijiet inversi.

Said ikompli li meta mbaghad gew sabiex jaccedu bl-ingenji taghhom il-haddiema tal-istess *Said Construction Limited* dawn setghu komodament u minghajr ma' jmissu ebda hitan tas-sejjieh jew oggetti ohra wkoll jaccedu mill-istess passagg.

Iz-zewg partijiet kontendenti lkoll iressqu perit *ex parte* kull wiehed sabiex jaghtu x-xhieda taghhom.

Il-perit *ex parte* tal-konvenut, il-Perit Shanw Micallef, iressaq diversi ritratti mill-ajru u ritratti mehuda minnu aktar recenti kif ukoll ritratt mill-ajru li fuqu jidnika minn fejn u f'liema direzzjoni ttiehdu r-ritratti aktar recenti.[67]

Dawn ir-ritratti, ezaminati flimkien mar-ritratti ezebiti mix-xhud William Zammit,[68] juru car u a sodisfazzjon ta' din il-Qorti li l-passagg li l-attur jikkontendi li kien idjaq u twessa mill-konvenut waqt ix-xoghol intrapriz minnu fil-fatt dejjem kien kif jinghad mill-konvenut.

Il-Qorti tosserva wkoll li bl-indikazzjonijiet moghtija mil-Perit Micallef dwar minn fejn u f'liema direzzjoni ttiehdu r-ritratti ezebiti minnu jirrizulta car li kuntrarjament ghal dak allegat mill-attur, il-hajt li nbena f'dan il-passagg ma' kienx ta' divizjoni u retenzjoni ta' hamrija bejn ghelieqi fuq livelli differenti kif jallega l-attur izda nbena fil-passagg sabiex jimbarra l-istess, tant li kien suggett tal-kawza ta' spoll numru 78/2021 BS.

Minn imkien ma' jirrizulta aktar car dan il-fattur jekk mhux mir-ritratt ezebit ma' l-affidavit tal-attur stess a fol 53 tal-process odjern.

---

[66] L-istess ritratt li jinsab ezebit a fol 35 tal-process odjern izda l-marki ta' Said saru fuq ir-ritratt fil-process l-iehor.
[67] Ritratti a fol 34 sa 39.
[68] Zewg ritratti a fol 25 u 26.

Dan ir-ritratt juri li, kif jishaq il-konvenut, l-ewwel nxtehet borg gebel f'nofs il-passagg u mbaghad l-istess gebel nbena f'hajt.

Ir-ritratt a fol 53 tal-process odjern fil-fatt juri zewg borog gebel li jidher car li huma godda f'passagg li juri marki cari li kien ilu zmien karrozzabbli.

Ezami akkurat tal-istess ritratt juri li fuq kull genb tal-passagg hemm hitan tas-sejjieh antiki li jsegwu il-wisgha u liwja tal-passagg.

Huwa ghalhekk car u nkonfutabbli ghal din il-Qorti li kuntrarjament ghal dak allegat mill-attur, il-konvenut ma' kisser ebda hajt ta' retenzjoni bejn ghelieqi izda ntefa borg gebel go passagg karrozzabbli.

Fuq il-kwistjoni ta' jekk il-passagg kienx karrozzabbli, l-attur u x-xhieda tieghu jinsistu li jekk minn hemm ghaddew vetturi dan kien biss bil-permess tal-attur.

Ix-xhud George Mercieca jghid fil-fatt li l-marki li jindikaw il-passagg tal-vetturi fir-ritratti mill-ajru, u li tista tapprezza din il-Qorti, kienu fil-fatt marki li hallew il-vetturi tieghu u ta' familtu meta ghaddew minn fuq l-art tal-attur bil-permess tal-attur.

Iben l-attur, Samuel Mizzi, da parti tieghu, jinsisti li lill-konvenut qatt ma' rah ghaddej b'xi vetturi jew ingenji minn fuq il-porzjon art in mertu.

Din il-Qorti m'hijiex konvinta minn dan. Dan partikolarment ghaliex l-attur stess jixhed li huwa dejjem halla diversi bdiewa jghaddu minn fuq l-art tieghu. Similarment, ix-xhud George Mercieca stess jghid li huwa twaqqaf biss jaghddi minn fejn kien ghadda ghal diversi drabi fis-sajf tas-sena 2021 meta l-attur qallu li peress li kien hemm minn abbuza mis-sitwazzjoni ma' kienx ser ihalli lill hadd aktar jghaddi minn hemm.

Mill-assjem tat-testimonjanza tal-Perit Shawn Micallef u tax-xhieda ulterjuri, kif ukoll mill-ezami taghha tar-ritratti mill-ajru ezebiti mill-istess Perit Shawn Micallef, din il-Qorti hija moralment konvinta li passagg kien hemm u kien fil-wisgha li jikkontendi l-konvenut.

Din il-Qorti tikkonkludi wkoll, u dan partikolarment mir-ritratti mill-ajru ezebiti mill-imsemmi Perit Micallef izda wkoll mir-ritratt a fol 53 tal-

process odjern diga msemmi qabel; li tali passagg kien karrozzabbli u qatt ma' kien imbarrat.

F'dan id-dawl, din il-Qorti tosserva li l-attur ukoll ressaq perit *ex parte* tieghu sabiex taghti x-xhieda studjata taghha. Din kienet il-Perit Cornelia Tabone li ghamlet rapport ukoll munit b'ritratti mehuda mill-ajru u xehdet li jidher li fil-passagg in mertu setgha f'xi zmien kien hemm hajt ta' retenzjoni bejn zewg ghelieqi fuq zewg livelli differenti.

Ghal dan l-ghan il-Perit Tabone tirreferi ghar-ritratti mill-ajru mehuda f'certi snin li din il-Qorti wkoll ezaminat.

Dawn ir-ritratti gew ezebiti mill-istress Perit Tabone ma' rapport addizzjonali taghha u jinsabu a fol 119 sa 123 tal-process odejrn.

Il-Perit Tabone tiffoka fuq ir-ritratti mill-ajru tas-snin 1998 u 2004 – a fol 122 u 123 tal-process odjern– u tinsisti li dawn juru li fil-passagg in mertu kien hemm fil-fatt hajt li jrendi l-istess passagg idjaq mill-wisgha li jinsisti fuqha l-konvenut.

Kif diga osservat l-istess Perit Tabone tghid li dan il-hajt kien ta' retensjoni bejn ghelieqi fuq livelli defferenti. Izid izda li hija ma' qisietx x'setghet kienet l-estensjoni tieghu ghal-gewwa l-passagg in mertu.

Din il-Qorti harset bir-reqqa lejn dawn iz-zewg ritratti u ma' tarax kif jista jinghad li l-hajt immarkat cirkondat fuqhom jista jintqal li kien qieghad jghalaq jew idejjaq dak li l-konvenut iqies bhala l-passagg tieghu.

Dan tant li fuq il-lemin tal-istess cirku maghmul mil-Perit Tabone sabiex tindika fejn jinsab il-hajt li titkellem fuqu jidher car, u dan fuq iz-zewg ritratti mill-ajru, kemm tal-1998 kif ukoll tal-2004, li passagg kien hemm u kien ininterrot u anke karrozzabbli.

Tenut kont tad-dikjarzzjoni tal-Perit Tabone li l-hajt minnha cirkondat fir-ritratti mill-ajru ezebiti minnha setgha kien jestendi ghal gewwa l-passagg – izda hija ma' tistax tghid ghall liema tul setgha kien hekk jistendi; din il-Qorti tmur lura ghax-xhieda tax-xhud William Zammit li jinsisti li tali passagg qatt ma' jafu idjaq milli hu u li jaf li djieq jew inaghalaq biss f'Awwissu, 2021.

Ir-ritratti li dan ix-xhud jaghraf bhala dawk li juru kif sab il-passagg midjuq f'hajt f'Awwissu, 2021 jinsabu a fol 25 u 26 tal-process odjern. Dawn ma jurux li tali hajt li l-attur jammetti li bena hu flimkien ma' ibnu kien inbena b'ripristinazzjoni ta' hajt ta' divizjoni bejn ghelieqi li allegatament tkisser mill-konvenut u in kontinwazzjoni mall-istess.

Huwa ghalhekk car, fic-cirkostanzi, li ghalkemm jista jaghti l-kaz li l-pussess fuq il-passagg in mertu ma' kienx unikament tal-konvenut, kien certament ukoll tal-konvenut.

Dan stante li gie pruvat a sodisfazjzon ta' din il-Qorti li l-konvenut u terzi kienu lkoll jaghmlu uzu minnu, minkejja d-dizgwid dwar kemm kien wisgha u jekk setghax twessa.

L-anqas jiswa xejn li x-xhud Mercieca mressaq mill-attur jinsisti li jekk hu u familtu ghaddew mill-istess dan kien biss bil-permess u barka tal-attur – u allura fuq tolleranza tieghu. U dan kemm ghaliex l-arrangament tal-attur ma' Mercieca m'ghandu ebda effett jew limitazjzoni fuq d-drittijiet tal-konvenut, u kemm ghaliex dak li japplika ghal Mercieca mhux necessarjament japplika ghal-konvenut. B'dan li, jekk Mercieca kellu passagg iehor mnejn setgha jghaddi li izda kien dejjaq u mhux komdu u talab permess lill-attur sabiex jghaddi minn fuq ta' l-attur, b'dan inghata; dan ma' jfissirx li l-istess kien il-kaz ghal-konvenut.

Infatti, l-attur u ibnu t-tnejn jixhdu li l-konvenut kellu passagg iehor mnejn jghaddi b'dan izda li ma' jressqux provi dwar dan. Minn naha tieghu, il-konvenut jinsisti li huwa dejjem u biss mill-passagg in mertu kien jgahddi u dwar dan, ressaq xhieda apparti dik tieghu li din il-Qorti tqies kredibbli.

B'dan allura li ghalkemm l-element tal-pussess ta' l-attur ma' jistax jigi negat minn din il-Qorti, stante li bhal konvenut u terzi l-attru wkoll setgha kellu jew ghandu pussess fuqu, din il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina l-elementi l-ohra rekwiziti f'kawza ta' spoll u taghmel il-kostatazzjonijiet taghha dwarhom fid-dawl ta' dak hawn fuq diga kkunsidrat.

**Rigward it-tieni element, il-kwistjoni ta' l-att spoljattiv nniffsu – *spoliatum fuisse*** – ossia, li l-ispoljant għamel azzjoni kontra r-rieda tal-pussessur li eskludiet lill-pussessur mill-pussess, jingħad kif isegwi:

> *Dwar it-tieni element, huwa meħtieġ li jintwera li l-għamil spoljattiv ikun wieħed arbitrarju u magħmul kontra r-rieda tal-possessur b'mod li jista' jagħti lok għal azzjoni ta' danni kontra min ikun wettqu. Huwa wkoll maħsub li l-għamil irid ikun wieħed vjolenti jew imqar mistur għall-għarfien tal-persuna li kellha l-pussess.* [69]

Mill-assjem tal-provi jirriżulta ċar li l-partijiet kontendenti u terzi lkoll setgħa kellhom u jista' għandhom pussess fuq il-passaġġ in mertu. B'dan li filwaqt li l-attur jgħid li l-konvenut kkommetta spoll billi wessgħa l-istess, il-konvenut jgħid li ma' kkometta ebda spoll għaliex il-passaġġ dejjem kien ta' wisgħa karrozzabbli u semmai kien l-attur li poġġa ġebel fuqu li eventwalment bena f'ħajt sabiex spolja lilu mid-dritt ta' passaġġ tiegħu tant li ntavola l-kawża ta' spoll numru 78/2021 BS fl-ismijiet inversi.

Kif diġa osservat, mill-assjem tal-provi din il-Qorti hija konvinta li l-passaġġ in mertu dejjem kien miftuħ għal-konvenut.

Li tali passaġġ kien u baqa' miftuħ sa' Awwissu, 2021 huwa kkonfermat mix-xhieda ndipendenti ta' William Zammit u Josef Said kif diġa ntqal.

Dawn iż-żewġ xhieda wkoll jgħidu li huma acceddew mill-passaġġ in kwistjoni b'vetturi varji b'Zammit imur oltre billi jgħid li tali passaġġ ingħalaq biss f'Awwissu, 2021.

Din il-Qorti ma' ssib l-ebda raġuni sabiex tqies it-testimonjanza ta' dawn iż-żewġ xhieda bħala mhux kredibbli.

Dan kollu meqjus, jirriżulta ċar u nkonfutabbli għal din il-Qorti li l-passaġġ kien u baqa' miftuħ sa' Awwissu, 2021 meta l-konvenut beda xogħol ta' kostruzzjoni ta' kamra fir-raba' tiegħu għal-liema xogħol talab is-servizz tal-kumpanija *Said Construction Limited*.

[69] Ref. deċiżjoni mogħtija nhar it-23 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet ***Filomena Ellul vs Carmel sive Charles Ellul,*** Ċitazz. Nru. 428/2000/1 JRM.

Hawnhekk, jirrizulta li Josef Said, kuntrattur mal-istess kumpanija, accedda mill-passagg in mertu komodament mal-konvenut u bil-vettura tal-ghamla *Jeep* tal-istess konvenut qabel nbeda l-istess xoghol.

Gara mbaghad li meta accedew l-ingenji tal-kumpanija *Said Construction Limited* sabiex jinbeda x-xoghol intrapriz mill-konvenut, l-attur kien pront intavola mandat ta' inibizzjoni u wara l-istess, din il-kawza odjerna jallega spoll billi jghid li tkisser hajt u gie spostjat xi gebel u hamrija.

Mill-osservazzjonijiet diga' maghmulha minn din il-Qorti, ma' jirrizultax li l-passagg in mertu kien xi darba mbarrat b'xi gebel jew hajt kif jallega l-attur.

Oltre dan, il-konvenut jixhed li x-xoghol inebda fl-14 ta' Awwissu, 2021. Izid li wara dan, u fis-17 ta' Awwissu, 2021, huwa dahal fir-raba' tieghu bl-istess vettura *Jeep* tieghu komodament mill-passagg in mertu. Jghid li meta mbaghad gie sabiex johrog sab l-istess passagg imbarrat b'borg gebel li kellu jressaq sabiex hareg minn fejn kien allura inghalaq. Izid li aktar tard l-istess borg gebel inbena f'hajt u dan mill-attur.

L-attur ma jinnegax li huwa rbola borg gebel li aktar tard bena f'hajt. Dan jikkonfermah ukoll ibnu Samuel Mizzi. Jghid izda li mhux minnu li dan sar fis-17 ta' Awwissu u jinsisti li sar fis-16 ta' Awwissu b'dan li jghid li l-konvenut, sabiex jizvijja lill-pulizija ma' minn kien ghamel rapport u jibni din il-kawza odjerna ra li fis-16 ta' Awwissu kien inbena dan il-hajt u ghalhekk, fis-17 ta' Awwissu dahal minn passagg iehor li ghandu ghar-raba' tieghu b'dan li mbaghad mar ghad bil-vettura tieghu wara dan il-hajt jirreklama li huwa maghluq milli johrog minn fejn kien.

Kif diga ntqal, ghalkemm l-attur u ibnu f'diversi stadji tax-xhieda taghhom jallegaw li l-konvenut kellu mghodija ohra minn fejn jaccedi ghar-raba' tieghu, dan ma' gie bl-ebda mod pruvat quddiem din il-Qorti. Anqas ix-xhud Mercieca mressaq mill-attur ma' jghid dan. Mercieca jghid biss li kien huwa li kellu passagg iehor li izda kien dejjaq u mhux komdu.

L-attur allura jghid li meta l-konvenut acceda mal-haddiema li ngaggja sabiex jibnulu l-kamra fir-raba' tieghu, kisser il-hajt li kien jaghalq l-passagg u hitan tas-sejjieh ohra u kisser ukoll dura, u sigra tat-tin u

kaxkar xi hamrija mieghu. Izid ghalhekk li kull m'ghamel hu kien li bena l-istess hajt li kien kisser il-konvenut sabiex acceda bl-ingenji tal-bini.

Mitlub jipprezenta dettalji dwar meta ttiehdu r-ritratti ezebiti minn missieru l-attur, iben l-attur, li jixhed li l-istess ritratti kien hadhom hu u juru l-hsara kollha reklamata, naqas milli jaghmel dan.

Il-Qorti tosserva li gjaladarba huwa kkonfermat li diversi persuni kienu jghaddu b'vetturi varji mill-passagg in mertu, u li x-xhud Josef Said stess kien ghaddha minnu flimkien mal-konvenut fil-vettura tal-konvenut stess tal-ghamla *Jepp* qabel inbdew ix-xogholijiet intraprizi mill-konvenut; huwa nverosimili li l-hsara li jirreklama l-attur saret mill-konvenut jew haddiema ngaggjati minnu.

Tenut ukoll kont tal-fatt li ma' tressqu ebda provi a sodisfazjzon ta' din il-Qorti li juru li setgha tassew kien hemm xi hajt tas-sejjieh jaghalaq il-passagg in mertu, in toto jew in parte.

Rigward it-tina li l-attur jghid li tqactet, ghalkemm din l-anqas tissemma fit-talbiet tieghu, l-attur anqas ressaq provi ta' x'gara ezatt mit-tina u ghalkemm kemm ibnu kif ukoll il-perit *ex parte* tieghu jixhdu li fir-ritratti ezebiti minnhom jidhru gheruq mikxufa tal-istess tina, din il-Qorti ma' tistax tikkonferma dan indipendentement u, partikolarment, anqas tista tikkonferma meta ttiehdu l-sitess ritratti stante n-nuqqas ta' provi msemmija dwarhom.

B'dan li allura din il-Qorti hija konvinta li fil-passagg, il-konvenut, inkluz flimkien mal-haddiema ingaggjati minnu, ma' kkommetta ebda att spoljattivi kif lanjat mill-attur izda ghaddha minn fejn jirrizulta, anke minn xhieda ndipendenti, li kien ghaddha qabel b'vetturi mekkanici.

Huwa ghalhekk li ma' jirrizulta ebda att spoljattiv attribwibbli lill-konvenut b'dan li allura, jfalli dan l-element kostituttiv essenzjali sabiex tirnexxi kawza ta' spoll.

Tenut kont li l-elementi kostituttivi ta' kawza ta' spoll huma kumulattivi, u jridu ghalhekk jissussistu lkoll flimkien sabiex l-istess tirnexxi, m'huwiex necessarju ghal din il-Qorti li tikkunsidra t-tielet element, ossia, dak tal-***infra bimester deduxisse***.

**Decide:**

Ghaldaqstant, in vista tal-premess u ghar-ragunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenut konformement ma' dak hawn deciz, tichad it-talbiet atturi.

Bl-ispejjez ta din il-kawza a karigu ta' l-attur.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur